MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 315/2008

**Alpha Briggs Mediterranean Limited (C38859)**

**Vs**

**(1)SP & D Co. Ltd (C8507)**
**(2) Malcolm Pace**
**(3) James Pace**

Il-Qorti,

Rat r-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu solidament jew min minnhom is-somma ta' Ewro ghaxart elef, erba' mija u tmienja u sebghin u hamsa u sebghin centezmu (Ewro10,478.75) rappresentanti prezz ta' xogholijiet ta' tindif ambjentali u servizzi ta' salvatagg mwettqa fuq inkarigu taghhom fuq il-bastiment MV Davinia u dana skond ftehim iffirmat fit-23 ta' Lulju 2008. Illi din il-kawza qieghda ssir kompelatment minghajr

pregudizzju ghal kull azzjoni spettanti lill-mittenti fil-konfront tal-bastiment koncernat.

Illi interpellati ghall-hlas l-intimati ddikjaraw li l-kumpanija ma kellhiex assi biex thallas u filfatt ghadu ma sar ebda hlas. Dana minkejja li l-kumpanija tpoggiet fi stat ta' likwidazzjoni mill-intimati u giet iffirmata 'declaration of solvency'.

Illi ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja ta' Lulju 2008 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors, kif elenkati a fol 2 tal-atti u esebiti a fol 3 sa fol 34 ibid.

Rat <u>ir-risposta</u> tal-konvenuti (fol 150 u fol 151) tal-istess atti u li biha esponew fil-kwalitajijet taghhom hemm premessi:-

1. Preliminarjament illi l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li m'hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-esponenti eccipjenti fil-kapacita' taghhom personali stante li l-lancja MV Davinia mhiex proprjeta taghhom personali izda ta' socjeta'.
2. Illi l-ftehim tat-23 ta' Lulju 2008, sar mas-socjeta' S P & D Company Limited, kif jidher mid-Dokument ABM 1 ezebit mis-socjeta' attrici stess anness mar-rikors.
3. Sussidjarjament u minghajr pregiduzzju, t-talba attrici in kwantu hija diretta kontra l-esponenti personalment ma tistghax treggi stante li l-esponenti qatt ma agixxew fil-kapacita' taghhom personali izda bhala direttur u rapprezentant rispettivament u ghan-nom tas-socjeta' S P & D Company Limited u kwindi personalment ma jistghu qatt jigu kundannati responsabbli ghall-ammont pretiz mis-socjeta' attrici.
4. Minghajr pregudizzju, t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

In kwantu tas-socjeta’ konvenuta S P & D Company Limited kif rapprezentata minn Dr James Pace fil-kapacita’ tieghu bhala stalcjarju ta’ din is-socjeta’

Tesponi bir-rispett u teccepixxi

1. It-talba kif dedotta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.
2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici mhux dovut stante li huwa skorrett, zbaljat, ezagerat u eccessiv u bbazat fuq kwantita ta’ prodotti mhux uzati, uhud minnhom partikolarment mhux fil-kwantitajiet iffatturati u numru ta’ servizzi li ma nghatawx mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta.
3. Salv risposta ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-rikors tal-istess konvenuti (fol 155 ibid) u li bih wara li ppremettew illi mill-ftehim tat-23 ta’ Lulju 2008, (Dok ABM1) ezebita mis-socjeta’ attrici stess, jidher mill-klawsola 15.2 illi dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni tiddeciedi din il-kwistjoni li ghandha tigi deciza minn procedura ta’ arbitragg billi:

‘In the event of disagreement resulting between the parties every effort shall be made to resolve the agreement amicable. Should the Parties fail to resolve their differences amicably, the dispute shall go to arbitration’.

Illi mill-banda l-ohra l-konvenuti Malcolm Pace u James Pace f’isimhom proprju qatt ma’ kienu parti mill-ftehim tat-23 ta’ Lulju 2008 mas-socjeta’ attrici, u m’ghandhomx locus standi f’dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, filwaqt illi l-konvenuti Pace jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari taghhom illi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, peress illi m’hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenuti fil-kapacita’ taghhom

personali, kif jidher mid-dokument ABM1, billi l-ftehim sar mas-socjeta' konvenuta S P & D Company Limited, u s-socjeta' attrici kellha dritt taghmel 'actio in rem', is-socjeta' konvenuta titlob illi dina l-Onorabbli Qorti ticcediedi illi m'ghandhiex gurisdizzjoni tiddeciedi l-meritu tal-kawza odjerna minhabba l-ftehim mandatorju (klawsola 15.2) illi fil-kaz li l-kwistjoni ma tigix rizolta bonarjament, it-tilwima ghandha tigi deciza minn procedura ta' arbitragg.

Rat ir-risposta relattiva a fol 160 tal-istess atti.

Rat id-digriet moghti fit-3 ta'Mejju 2010 (ara fol 156A u B ibid) illi permezz tieghu ammettiet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti' u ghalhekk ser tikkonsidra u tiddeciedi l-kwistjoni kif sollevata dwar in-nuqqas o meno ta' gurisdizzjoni tal-Qorti minhabba l-imsemmija 'arbitration clause' (fol 17 klawsola 15)'.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni ulterjuri kif ukoll is-sentenza annessa mis-socjeta' attrici u li tinsab a fol 166 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja issemma u kif hemm verbalizzat a fol 165 tal-atti, permezz ta' din is-sentenza ser tigi deciza l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti minhabba l-klawsola ta' arbitragg, miftehma bejn il-partijiet u li tinsab a fol 17 tal-atti interstata 'Jurisdiction and Dispute Solution'. Hawnhekk ta' min jirrileva s-segwenti punti kif risultanti minn din il-klawsola enumerati 'hmistax' (15):

a) Il-partijiet ftehmu u jaqblu li jissottomettu ruhhom ghall-gurisdizzjoni tac-Centru ta' Arbitragg ta' Malta jew il-Qrati Maltin.
b) F'kaz ta' xi tilwima bejn l-istess partijiet, dawn ghandhom jaghmlu kull sforz sabiex din tigi transatta amikevolment u f'kaz li dan ma kienx jsehh, il-kaz kellu jmur ghal arbitragg.
c) Pero, fl-istess klawsola subinciz tlieta (3) jinghad testwalment 'Prior to the commencement of any arbitral

proceedings, the Party interested in instituting arbitral proceedings shall send a Notice of Dispute to the other party who can oppose to the dispute being resolved by arbitration'. L-istess klawsola tkompli billi tispecifika il-modalitajiet u zmien ta' din il-procedura (ara ukoll ghal kull bon fini il-klawsola 15.4 ibid).
d) Kif jirrisulta mill-verbal a fol 165 tal-atti, l-partijiet ddikjaraw li 'l-ebda 'notice of dispute' saret f'dan il-kaz.

Illi, minhabba dak li ghadu kemm inghad, jidher car li l-klawsola in esami ma gietx reza effettiva skond kif specifikat fl-istess ftehim u ghalhekk dan il-kaz jidhol fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi dwar din l-eccezzjoni, ma jistax ma jinghadx illi:-

a) Il-ftehim in kwistjoni sar bejn is-socjeta' attrici u 'the client' deskritt a fol 19 bhala s-socjeta' konvenuta. Pero din il-kawza giet istitwita kontra zewg persuni ohrajn ossija Malcolm u James Pace f'isimhom proprju. F'kaz li l-eccezzjoni in esami tigi akkolta din tfisser u tirrisulta fi spezzettar tal-kaz in desamina quddiem din il-Qorti u quddiem ic-Centru ta' Arbitragg ta' Malta ossija sitwazzjoni xejn felici ghal raguni ovvja.
b) L-eccezzjoni in esami giet sottomessa ulterjorment wara r-risposta originali a fol 150 ibid. Fil-fehma ta' din il-Qorti, la darba l-eccezzjoni in esami ma gietx proposta bhala wahda preliminari fl-istess risposta, il-Qorti, tista tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm renunzja tacita izda cara da parti tal-konvenuti u li dawn issottomettew ruhhom ghall-gurisdizzjoni f'din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi, minhabba dak premess, jidher li l-eccezzjoni in esami ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad l-eccezzjoni in esami u Tordna li dan il-kaz jissokta Quddiemha billi tigi deciza l-eccezzjoni preliminari l-ohra gja sottomessa fir-risposta

originali u sussegwentement il-meritu ta’ din il-kawza; Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------